MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1318/2011

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Paul Camilleri, iben Joseph, imwieled Rabat fl-10 ta’ Frar, 1959, karta ta’ l-identita numru 227459(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-25 ta’ Novembru, 2011 għal ħabta tas-2.00 p.m. ġewwa Triq Għajkn Kajjet, Rabat u fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer:
1. ikkaġuna offiża ta’ natura ħafifa fuq il-persuni ta’ SM Mario Rotin u PC805 Ian Terribile, kif iċċertifikat Dr. Nathalie Psaila M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Floriana;
2. inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna/i ta’ wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku u dan lil SM Mario Rotin u PC805 Ian Terribile, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu

dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħa jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna/i nkarigata/i skont il-liġi minn servizz pubbliku lill-SM Mario Rotin u PC805 Ian Terribile, fil-waqt li jkunu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
4. talli ma obdiex l-ordni leġittima tal-pulizija;
5. talli meta kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAS 653 ostakola t-triq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-ġurnata ta' l-inċident it-triq in kwistjoni kienet magħluqa minħabba l-fatt li kienet qed issir maratona.  Meta jsiru eventi sportive ta' din ix-xorta hi l-prassi li t-toroq mingħalqu għal perjodu neċessarju biex l-atleti jkunu jistgħu jgħaddu mit-toroq mingħajr ebda perikolu.  Għal ħabta tas-2.00 p.m. l-imputat li kien qed isuq truck bin-numru tar-reġistrazzjoni HAS 653 wasal mal-roundabout ta' Triq Għajn Kajjet u ried jiġbed għan-naħa tan-Nigret.  Il-pulizija qalulu li ma setgħax jaqsam it-triq in kwistjoni sakemm igħaddu l-atleti u imbagħad it-triq tinfetaħ normalment.

Illi milli jidher l-imputat għal xi raġuni ma riedx joqgħod hemm u ried igħaddi bil-fors.  Konsegwenza ta' dan l-atteġġjament ta' l-imputat il-Maġġur Rotin mar fuqu u kien hemm skambju ta' diskors.  Min-naħa waħda l-pulizija riedu jarrestaw lill-imputat u min-naħa l-oħra l-imputat ma riedx jinżel mit-truck.  Konsegwenza ta' dan il-Maġġur fetaħ il-bieba tat-truck u fl-argument li seħħ hu sofra ferita ta' natura ħafifa li għalih hu responsabbli l-imputat.

Pulizija ieħor weġġa f'dan l-inċident iżda mill-provi prodotti ma jirrizultax min effettivament weġġgħu.

Illi ftit wara l-imputat seta' jkompli fuq triqtu.

Illi hu ċar li dan hu inċident żgħira li seta' jiġi evitat kieku l-partijiet użaw il-buon sens, speċjalment min-naħa ta' l-imputat li ma kienx intitolat li jagħmel dak li jfettillu moħħu meta kien hemm l-atleti fuq it-triq tiegħu.

Illi mill-provi ma jirrizultax li l-vettura ta' l-imputat ostakolat it-triq.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet u tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Ma ssibux ħati li għamel feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC805 Ian Terribile u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu fil-konfront tal-Maġġur Mario Rotin. Rat l-artikoli 95, 221(1) u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett mitt euro (€300).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------